**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Mohamed Abdalla Mohamed**

Numru: 163/2019

Illum 18 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mohamed Abdalla Mohamed,** ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Abdalla u Fatima, imwieled is-Sudan nhar l-1 ta' Jannar 1982, residenti fil-fond Fallom, Flat 1, Triq il-Qroll, Xlendi, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 53214(A), akkuzat talli fit-12 ta' April 2019, ghall-habta tad-disgha u ghoxrin ta' filghaxija (21:20hrs) gewwa Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex u Cafe Jubilee, Pjazza l-Indipendenza, Rabat, Ghawdex u fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex u/jew f'postijiet ohra gewwa r-Rabat, Ghawdex:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta'

PC 277 Joseph Cini, skont kif iċċertifika Dr. Anselm Psaila MD mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Ghawdex u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 277 Joseph Cini filwaqt li kienu qiegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja u/jew hedded lil PC 277 Joseph Cini, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, inġurja jew hedded lil PC 277 Joseph Cini, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 277 Joseph Cini, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lill-ħaddiehor jagħmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddiehor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali jew ta' liġi oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li kellu l-ħsieb ta' tfal ta' taħt is-seba' snin, jew ta' żwiemel, bgħula jew barrin, jew ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura, inkella, waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq in-nies jew għamel storbju, jew kellu fuqu armi tan-nar, jew ma kienx irid joħroġ minn ħanut tax-xorb, ħanut tal-ikel, tverna jew lukanda, jew ifittex li jirkeb f'dgħajsa jew fuq bastiment tal-passiġġieri, jew fuq vettura oħra, jew ma kienx irid jinżel minn fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra għalkemm gie mwissi mill-persuna li jkollha l-ħsieb tagħhom biex ma jirkibx fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra, jew biex jinżel minn fuqhom, u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrifjuta jagħti, jew ta falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bezaq xi sustanza jew nehha mahta mill-imnieher, jew halla jew iddepozita exkreta materjali tal-bniedem, inkluz vomtu jew halla jew iddepozita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku, bahar, jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi, u dan bi ksur tal-artikolu 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 344/2005 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tqis lil Mohamed Abdalla Mohamed bħala reċidiv, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u cioe' ta' PC 277 Joseph Cini, jew għaz-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai terminu tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Mohamed Abdalla Mohamed, a benefiċju ta' PC 277 Joseph Cini, kif ukoll ordni ta' trattament, u dan ai termini tal-Artikolu 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-kofront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok 'A') u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghal dawn l-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 95, 96, 214, 221, 338(dd), 338(ee), 338(ff), 338(g), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta u Artikolu 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 344/2005 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mohamed Abdalla Mohamed hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanah ghall-perijodu ta' tmien (8) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef ewro (€4000).

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |